MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru. 286/2009

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**ELTON BRINCAT ta' 32, imwieled Attard nhar it-23.09.1978, iben Paul Brincat u Mary nee' Ghigo, residenti fil-fond numru 11, Ave Maria, Triq Gezu Bajada, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 461878M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ELTON BRINCAT** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Marzu, 2009 u matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu

d-droga eroina u kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Marzu, 2009 u matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Marzu, 2009 kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Marzu, 2009 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda;

5. U aktar talli ghamel att ta' money laundering billi:

a. Ikkonverta jew trasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirattament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew

skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;

b. U aktar talli heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

c. U aktar talli akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

d. U aktar talli bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

e. U aktar talli ttenta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

f. U aktar talli rrenda ruhu bl-agir tieghu bhala komplici fit-tisfir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii). (iii), (iv), u (v) ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli sar recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi gudikata mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali (folio 4), dan fejn si jirrigwarda il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat

ukoll il-kunsens moghti taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 5).

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-imputat kien wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (folio 17). Dan wiegeb l-istess fit-tieni ezami wara zieda fl-akkuza (folio 140).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur li xehed dwar is-sejba ta’ droga ghand l-imputat, senjalament eroina u cannabis, kif ukoll is-sejba ghandu ta’ €19,300. Spjega s-Sur Ciappara li flimkien instabu mazz, kif ukoll li kull mazz kellu fuqu l-figuri u ismijiet ta’ diversi nies. Ezebixxa ghalhekk is-Sur Ciappara images ta’ dawn il-karti tal-flus Dok EB3, folio 33 – 98 (vide wkoll ricevuta Dok EB1 folio 30).

Ghalhekk dwar din it-trovata ta’ droga xehdu PC 1220 Chris Baldacchino, PC 777 Chris Ebejer, PS 891 Oscar Baldacchino. WPC 149 Ruth Sammut xehdet dwar is-sejba ghand ir-residenza ta’ l-imputat ta’ somma kbira ta’ flus.

Rat ukoll li fil-konfront tal-flus ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur Norbert Ciappara (folio 141 – 152), liema flus kellhom kitba ta’ ismijiet u ammonti fuqhom, gie mahtur l-espert Joseph Gaffiero biex jaghmel ezami komparattiv bejn l-istess kitba msemmija u dik ta’ l-imputat Elton Brincat. Ghalhekk l-espert Joseph Gaffiero ezebixxa r-rapport tieghu a folio 211 – 219 Dok JG. Fih is-Sur Gaffiero kkonkluda li ‘assolutament ebda dubbju li l-kitba kollha li tinsab fuq il-karti tal-Ewro mghoddija lili, jaqblu perfetttament mal-kampjuni li tani Elton Brincat, u nirrepeti li dan qieghed niddikjarah b’certezza assoluta’ (folio 214).

Rat ukoll l-istqarrija ta’ Elton Brincat ezebita mis-Supritendent Norbert Ciappara Dok EB2 folio 31 - fl-istess

l-imputat kif kien drittu ghazel illi ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu.

Rat li fis-seduta tal-24.03.2010 Elton Brincat kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Konsegwentement ghal tali ammissjoni, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht is-Sub Artikolu 22 u l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 u s-Sub Artikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 373, ilkoll tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 312).

Rat ukoll li fuq tali ammissjoni gie ordnat Pre-Sentencing Report li gie debitament prezentat mill-Ufficjal tal-Probation John Testa Dok JT (folio 374 – 391).

Rat ukoll ir-relazzjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud, Dok MM li kkonkluda li nstabu ghand l-imputat kemm id-droga ta’ raza u pjanta tal-cannabis, kif ukoll eroina u kokaina.

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 22(2)(b)(i), 8(a), 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, G.N. 292/1939, l-Artikoli 2, 3, 2A, u 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 17, 18, 31, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, din il-Qorit rat bir-reqqa r-relazzjoni ezebita minn Roberta Holland, folio 287 – 292, Dok RH. Rat ukoll il-Pre-Sentencing Report redatt mill-Ufficjal tal-Probation John Testa (ibid). Ghandu jinghad illi t-tnejn imsemmija ghamlu enfazi qawwi dwar il-problema ferm akuta li ghandu l-imputat fil-konfront ta’ abbuz ta’ droga. Tant, kif jista’ anke wiehed jinduna jekk iqalleb iz-zewg volumi processwali, illi l-imputat kien iktar entuzjazt li jiehu l-liberta’ provizorja, dan minn numri ta’ rikorsi prezentati, milli kien li jsolvi din il-problema billi jfittex li jibda programm ta’ ghajnuna, gialadarba dan ma kienx isarraf xejn ghalih fl-ghadd ta’ zmien taht arrest preventiv. Fehmet il-Qorti li Elton Brincat ghandu bzonn bis-sahha ghajnuna serja u strutturata kontra dan l-abbuz.

Tkompli ghalhekk dwar l-piena li din ghandha tkun wahda ta’ habs effettiv ghaz-zmien ta’ erba’ snin. Tikkundannah ukoll ghal multa ta’ €3,000;
Rat ukoll l-Artikoli 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, u 23A tal-Kapitolu 9, kollha tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tordna s-sekwestru tas-somma ta’ flus ammontanti ghal €19,300 ezebita f’dawn l-atti.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna li Elton Brincat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €983.52.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga kollha u dak maghha relatat ezebita f’dawn l-atti u tahtar ghal dan l-iskop l-Ispizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------